

ANNEX I
KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Pirsue 5 mg/ml soluzzjoni intramammarja għal baqar

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Sustanza Attiva:

Pirlimycin (bħala Pirlimycin hydrochloride) 50 mg/10 ml

Għal-lista sħiħa ta' l-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni intramammarja.

4 TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Baqar (baqar tal-ħalib li qed jaħilbu).

4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Għal kura ta' mastite mingħajr sintomi, f'baqar li qed jaħilbu, ikkawżata minn kokki Gram-positive li jirrispondu għall-pirlimycin, u dawn jinkludu mikrobi stafilokoċċi bħal *Staphylococcus aureus*, kemm l-istafilokoċċi peniċillinase-positive kif ukoll peniċillinase-negative u coagulase-negative; mikrobi streptokoċċi li jinkludu *Streptococcus agalactiae*, *Streptococcus dysgalactie* u *Streptococcus uberis*.

4.3 Kontra indikazzjonijiet

Reżistenza għall-pirlimycin.

Kura għal infezzjonijiet ikkawżati minn mikrobi Gram-negative bħal *E. coli*.

Tikkurax baqar li f' driegħhom jinħass tibdil ikkawżat minn mastite kronika mingħajr sintomi.

4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

M'hemmx.

4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-animali

Qabel tinbeda l-kura għandhom isiru testijiet tas-suxxettibilità fuq il-mikrobi iżolati.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-animali

Evita li tmiss it-taħlita. Aħsel idejk u xi partijiet tal-ġilda li jistgħu jintlaqtu, b'sapun u ilma u neħħi ħwejjeġ ikkontaminati mill-ewwel wara l-użu. Jekk jintlaqtu l-għajnejn laħlaħ sew fil-pront bl-ilma għal 15-il minuta. Żomm l-għajnejn miftuħin biex ikun hemm kuntatt sħiħ ma' l-ilma.

4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Xejn li hu magħruf.

4.7 Użu fit- tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Il-prodott huwa indikat għall-użu f'baqar li qed jinħalbu u jista' jintuża waqt it-tqala.

4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

Jista' jkun hemm reżistenza inkroċjata bejn il-pirlimycin u lincosamides oħra jew macrolides.

4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Amministrazzjoni: permezz ta' infużjoni intramammarja biss.

Agħti infużjoni ta' siringa waħda (50 mg pirlimycin) f'kull beżżula infettata. Il-kura tikkonsisti fi tmien infużjonijiet ta' siringa waħda kull erbgħa u għoxrin siegħa.

Għandha tingħata attenzjoni biex ma jiddaħħlux mikrobi fil-beżżula biex jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjonijiet bi *E. coli*. Kun żgur li l-beżżula tkun imnaddfa sew (u d-driegħ kollu – jekk ikun hemm bżonn) qabel issir l-infużjoni. L-istruzzjonijiet li ġejjin għandhom għalhekk jiġu segwiti sew. Aħsel idejk sew qabel tmiss id-driegħ tal-baqra. Aħsel id-driegħ jekk ikun maħmuġ. Fejn ikun hemm bżonn aħsel il-bżieżel sew b-ilma fietel li jkun fih sustanza apposta għal ħasil ta' annimali tal-ħalib u ixxutthom sew. Iddiżinfetta t-tarf tal-beżżula b'sustanza apposta għal ħasil. It-tarf tal-beżżula għandu jitnaddaf sakemm ma jibqax jidher ħmieġ mal-imselħa. Uża sarvetta, li tiddiżinfetta, differenti għal kull beżżula. Tmissx it-tarf nadif tal-beżżula qabel ma tamministra s-sustanza għal infużjoni.

Kif tapplika: Neħħi t-tapp l-abjad billi tiġbed dritt 'il fuq. Daħħal il-kannula bil-mod fil kanal tal-beżżula; bil-mod agħti l-prodott b'infużjoni.

Imbotta l-plaġer b'pressjoni kontinwa u bil-mod biex tgħaddi l-kontenut kollu għal ġol-glandola u mmassaġġja id-driegħ biex tferrex il-prodott ma kull fejn jinġabar il-ħalib. Wara l-infużjoni, uża diżinfettant biex tbill il-bżieżel.

4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk ikun hemm bżonn

M'hemmx tagħrif dwar doża eċċesiva.

4.11 Perjodu ta' tiżmim

Laħam u interjuri: 23 ġurnata.

Ħalib: 5 ijiem.

5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Grupp farmako-terapewtiku: Sustanza għal kontra l-mikrobi għal użu intramammarju.
Kodiċi ATCveterinarja: QJ51FF90.

5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi

Pirlimycin hydrochloride huwa antibijotiku linkosamid semi-sintetiku. Il-linkosamidi (clindamycin, lincomycin, u pirlimycin) jimblokkaw is-sintesi ta' proteini f' mikrobi Gram-positive u aneroċi kif ukoll fi speċi ta' *Mycoplasma*. Huma jaħdmu billi jeħlu mal-50S ribosomal subunit, u b'hekk ifixklu l-

għaqda tal-aminoacyl-tRNA u jimblokkaw ir-reazzjoni tal-peptidyltransferase, li tfixxkel is-sintesi ta' proteini fil-mikrobi.

Iżolati batterjoloġiċi ta' mikrobi Gram-positive b'MIC >2 µg/ml huma meqjusa bħala reżistenti.

Mikrobi ta' l-imsaren bħal *E. coli* huma minn natura tagħhom reżistenti għal pirlimycin.

Pirlimycin għandu pKa bażiku (8.5). Dan ifisser li hu aktar attiv f'ambjent aċiduż u jkun hemm tendenza li jikkonċentra, meta mqabbel mal-plażma, f'postijiet li għandhom pH aktar baxx, bħal ma huma l-postijiet fejn hemm il-materja. Pirlimycin ġie muri li jakkumula f'ċelloli polimorfonukleari, imma ma ġiex muri li joqtol *Staphylococcus aureus* fiċ-ċelloli.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Wara infużjoni intramammarja, il-konċentrazzjonijiet medja tas-sustanza oriġinali fil-ħalib kienu ta' 10.3 µg/ml wara 12 il-siegħa u ta' 0.77 µg/ml wara 24 siegħa. Konċentrazzjonijiet simili intlaħqu wara 12 u 24 siegħa wara t-tieni infużjoni mgħotija wara intervall ta' 24 siegħa. Mid-doża mogħtija fl-infużjoni, 10-13% tiġi eliminata fl-urina, u 24-30% fl-ippurgar; il-kumplement joħroġ fil-ħalib.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' ingredjenti

Anhydrous citric acid

Sodium citrate

Ilma għal injezzjoni

6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

M'hemm xejn magħruf.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin.

6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Taħżinx f'temperatura oġhla minn 25°C. Żomm is-siringi fil-kontenitur oriġinali.

6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mall-prodott

Siringi intramammarji tal-polyethylene (li fihom 10 ml ta' soluzzjoni sterili akweja), ippakkjati f' kaxxi tal-kartun li fihom 8 jew 24 siringa. Jiġu ppakkjati wkoll bħala 120 siringa f'barmil tal-plastik.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qeġhdin fis-suq.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użata jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Zoetis Belgium SA
Rue Laid Burniat 1
1348 Louvain-la-Neuve
IL-BELĠJU

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI (JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/00/027/001-003

9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 29/01/2001.

Data tal-aħħar tiġdid: 08/02/2006.

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt ta' l-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA, U/JEW UŻU

Mhux applikabbli.

ANNEX II

- A. MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- Ċ. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs**

A. MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli mill-ħruġ tal-lott

Norbrook Laboratories Limited
Station Works, Camlough Road,
Newry, County Down,
BT35 6JP
IR-RENJU UNIT

jew

Zoetis Belgium SA
Rue Laid Burniat 1
1348 Louvain-la-Neuve
IL-BELĠJU

Fuq il-fuljett ta' tagħrif tal-prodott mediċinali għandu jkun hemm l-isem u l-indirizz tal-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott konċernat.

B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

C. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs

Is-sustanza attiva f' Pirsue 5 mg/ml soluzzjoni intramammarja għal baqar hija sustanza ammissibbli kif deskritt fit-tabella numru 1 fl-anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010:

Sustanza farmakoloġika ment attiva	Residwu li jimmarka	Speċe ta' l-animall	MRL	Tessuti mmirati	Dispożizzjoniji et oħrajn	Klassifikazzjoni terapewtika
Pirlimycin	Pirlimycin	Baqar	100 µg/kg 100 µg/kg 1000 µg/kg 400 µg/kg 100 µg/kg	Laħam Xaħam Fwied Kliwi Ħalib	XEJN	Sustanzi għal kontra l-infezzjonijiet/Antibijotiċi

L-addittivi elenkati f' sezzjoni 6.1 tas-Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott huma ikunsidrati li ma jaqgħux fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 meta wżati bħal f' dan il-prodott mediċinali veterinarju.

ANNEX III

TIKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

8 siringi x 10 ml f'kaxxa tal-kartun

24 siringi x 10 ml f'kaxxa tal-kartun, bi 3 fuljetti ta' tagħrif

120 siringa x 10 ml f'barmil tal-plastik, bi 15-il fuljett ta' tagħrif

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Pirsue 5 mg/ml soluzzjoni intramammarja għal baqar

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Pirlimycin (bħala Pirlimycin hydrochloride) 50 mg/10 ml.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni intramammarja

4. DAQS TAL-PAKKETT

8 siringi intramammarji x 10 ml

24 siringa intramammarja x 10 ml

120 siringa intramammarja x 10 ml

5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Baqar (baqar tal-ħalib li qed jinħalbu).

6. INDIKAZZJONI(JIET)

Għal kura ta' mastite mingħajr sintomi, f'baqar li qed jinħalbu, ikkawżata minn kokki Gram-positive li jirrispondu għall-pirlimycin, u dawn jinkludu mikrobi staphylokoċi bħal *Staphylococcus aureus*, kemm l-istaphylokoċi peniċillinase-positive kif ukoll peniċillinase-negative u coagulase-negative; mikrobi streptokoċi li jinkludu *Streptococcus agalactiae*, *Streptococcus dysgalactie* u *Streptococcus uberis*.

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu intramammarju.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Agħti infużjoni ta' siringa waħda (50 mg pirlimycin) f'kull beżżula infettata.

Il-kura tikkonsisti fi tmien infużjonijiet ta' siringa waħda kull 24 siegħa.

Għanda tingħata attenzjoni biex ma jiddaħħlux mikrobi fil-beżżula biex jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjonijiet bi *E.coli*. Kun żgur li l-beżżula tkun imnaddfa sew (u d-driegħ kollu – jekk ikun hemm bżonn) qabel issir l-infużjoni.

Kif tapplika: Neħħi t-tapp l-abjad billi tiġbed dritt 'il fuq. Daħħal il-kannula bil-mod fil-kanal tal-beżżula; bil-mod agħti l-prodott b'infużjoni.

Imbotta l-plaġer b'pressjoni kontinwa u bil-mod biex tgħaddi l-kontenut kollu għal ġol-glandola u mmassaġġja id-driegħ biex tferrex il-prodott ma kull fejn jinġabar il-ħalib. Wara l-infużjoni, uża diżinfettant biex tbill il-bżieżel.

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim:

Laħam u interjuri: 23 ġurnata.

Ħalib: 5 ijiem.

9. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Evita li tmiss it-taħlita. Aħsel idejk u xi partijiet tal-ġilda li jistgħu jintlaqtu, b'sapun u ilma u neħħi ħwejjeġ ikkontaminati mill-ewwel wara l-użu. Jekk jintlaqtu l-ġhajnejn laħlaħ sew fil-pront bl-ilma għal 15-il minuta. Żomm l-ġhajnejn miftuħin biex ikun hemm kuntatt sħiħ ma' l-ilma.

Jista' jkun hemm reżistenza inkroċjata bejn il-pirlimycin u lincosamides oħra jew macrolides.

10. DATA TA' SKADENZA

JISKADI {xahar/sena}

11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Taħżinx f'temperatura l-fuq minn 25°C. Żomm is-siringi fil-kontenitur oriġinali.

12. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Rimi: ara l-fuljett ta' tagħrif.

13. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS" U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI

Għall-kura tal-annimali biss. Għandu jingħata biss b'riċetta veterinarja.

14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Zoetis Belgium SA
Rue Laid Burniat 1
1348 Louvain-la-Neuve
IL-BELĠJU

16. NUMRU/I TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/00/027/001

EU/2/00/027/002

EU/2/00/027/003

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻĠGAR TA' IPPAKKJAR LI
JMISS MAL-PRODOTT**

Tiketta fuq s-siringa

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Pirsue 5 mg/ml

2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA(i) ATTIVA(I)

50 mg pirlimycin

3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

10 ml

4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu intramammarju.

5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim:

Laħam u interjuri: 23 ġurnata.

Ħalib: 5 ijiem.

6. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

7. DATA TA' SKADENZA

JISKADI {xahar/sena}

8. IL-KLIEM " GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS"

Għall-kura tal-animali biss.

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

**FULJETT TA' TAGĦRIF:
Pirsue 5 mg/ml soluzzjoni intramammarja għal-baqar**

1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ U TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT, JEKK DIFFERENTI

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq

Zoetis Belgium SA
Rue Laid Burniat 1
1348 Louvain-la-Neuve
IL-BELĠJU

Manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott:

Norbrook Laboratories Limited
Station Works, Camlough Road,
Newry, County Down,
BT35 6JP
IR-RENJU UNIT

jew

Zoetis Belgium SA
Rue Laid Burniat 1
1348 Louvain-la-Neuve
IL-BELĠJU

2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Pirsue 5 mg/ml soluzzjoni intramammarja għal baqar

3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA

Pirlimycin (bħala Pirlimycin hydrochloride) 50 mg/10 ml

4. INDIKAZZJONI(JIET)

Għal kura ta' mastite mingħajr sintomi, f'baqar li qed jinħalbu, ikkawżata minn kokki Gram-positive li jirrispondu għall-pirlimycin, u dawn jinkludu mikrobi stafilokoċi bħal *Staphylococcus aureus*, kemm l-istafilokoċi peniċillinase-positive kif ukoll peniċillinase-negative u coagulase-negative; mikrobi streptokoċi li jinkludu *Streptococcus agalactiae*, *Streptococcus dysgalactie* u *Streptococcus uberis*.

5. KONTRAIKAZZJONIJIET

Reżistenza għall-*pirlimycin*.

Kura għal infezzjonijiet ikkawżati minn mikrobi ta' l-imsaren bħal *E. coli*.

Tikkurax baqar li f' driegħhom jinħass tibdil ikkawżat minn mastite kronika mingħajr sintomi.

6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

Xejn li hu magħruf.

Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok informa lit-tabib veterinarju tiegħek.

7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Baqar (baqar tal-ħalib li qed jaħilbu).

8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu intramammarju.

Agħti infużjoni ta' siringa waħda (50 mg pirlimycin) f'kull beżżula infettata. Il-kura tikkonsisti fi tmien infużjonijiet ta' siringa waħda kull erbgħa u għoxrin siegħa.

9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT

Għanda tingħata attenzjoni biex ma jiddaħħlux mikrobi fil-beżżula. Kun żgur li l-beżżula tkun innaddfa sew (u d-driegħ kollu – jekk ikun hemm bżonn) qabel issir l-infużjoni. L-istruzzjonijiet li ġejjin għandhom għalhekk jiġu segwiti sew.

Aħsel idejk sew qabel tmiss id-driegħ tal-baqra. Aħsel id-driegħ jekk ikun maħmuġ. Fejn ikun hemm bżonn aħsel il-bżiezel sew b-ilma fietel li jkun fih sustanza apposta għal ħasil ta' animal itaħalib u ixxutthom sew. Iddiżinfetta t-tarf tal-beżżula b'sustanza apposta għal ħasil. It-tarf tal-beżżula għandu jiġi naddaf sakemm ma jibqax jidher ħmieġ mal-imselħa. Uża sarvetta li tiżinfetta differenti għal kull beżżula. Tmisx it-tarf nadif tal-beżżula qabel ma tamministra is-sustanza għal infużjoni.

Kif tapplika: Neħħi t-tapp l-abjad billi tiġbed dritt 'il fuq. Daħħal il-kannula bil-mod fil-kanal tal-beżżula; bil-mod agħti l-prodott b'infużjoni.

Imbotta l-plaġer b'pressjoni kontinwa u bil-mod biex tgħaddi l-kontenut kollu għal ġol-glandola u mmassaġġja id-driegħ biex tferrex il-prodott ma kull fejn jinġabar il-ħalib. Wara l-infużjoni, uża diżinfettant biex tbill il-bżiezel.

Qabel tinbeda l-kura għandhom isiru testijiet tas-suxxettibilità fuq il-mikrobi iżolati.

10. PERJODU(I) TA' TIŻMIM

Laħam u interjuri: 23 ġurnata.

Ħalib: 5 ijiem.

11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Taħżinx f'temperatura 'l-fuq minn 25°C. Żomm is-siringi fil-kontenitur oriġinali.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq it-tiketta u fuq il-kontenitur.

12. TWISSIJET SPEĊJALI

Evita li tmiss it-taħlita. Aħsel idejk u xi partijiet tal-ġilda li jistgħu jintlaqtu, b'sapun u ilma u neħħi ħwejjeġ ikkontaminati mill-ewwel wara l-użu. Jekk jintlaqtu l-ġhajnejn laħlaħ sew fil-pront bl-ilma għal 15-il minuta. Żomm l-ġhajnejn miftuħin biex ikun hemm kuntatt sħiħ ma' l-ilma. Jista' jkun hemm reżistenza inkroċjata bejn il-pirlimycin u linkosamidi oħra jew makrolidi.

13. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻAT JEW MATERJAL IEĦOR GħAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Il-mediċini ma għandhomx jintremew man-nixxigħat tal-ilma jew ma skart domestiku. Staqsi lill-kirurgu veterinarju jew lill-ispiżjar tiegħek dwar kif tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jiproteġu l-ambjent.

14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT TA' TAGĦRIF

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt ta' l-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini (<http://www.ema.europa.eu/>).

15. TAGĦRIF IEĦOR

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.